

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/103

tat-12 ta' Jannar 2023

li jemenda r-Regolamenti ta' Implementazzjoni (UE) Nru 1242/2014 u (UE) Nru 1243/2014 fir-rigward tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u r-regoli għall-preżentazzjoni tad-data kumulattiva dwar l-operazzjonijiet u l-informazzjoni li għandha tintbagħat mill-Istati Membri

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 508/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (¹), u b'mod partikolari l-Artikoli 97(2) u 107(3) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) Nru 508/2014 dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd jipprevedi miżuri spċifici biex jittaffew il-konsegwenzi tal-aggressjoni militari tar-Russja kontra l-Ukrajna fuq l-attività tas-sajd u biex jittaffew l-effetti tat-tfixxil fis-suq ikkawżat minn dik l-aggressjoni militari fuq il-katina tal-provvista tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura (minn hawn 'il quddiem "miżuri spċifici").
- (2) Sabiex ikun hemm monitoraġġ u rapportar affidabbi tal-operazzjonijiet relatati mal-miżuri spċifici, jenħtieġ li jsiru aġġustamenti fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u fir-regoli għall-preżentazzjoni tad-data kumulattiva dwar l-operazzjonijiet u l-informazzjoni li għandha tintbagħat mill-Istati Membri skont ir-Regolamenti ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1242/2014 (²) u (UE) Nru 1243/2014 (³).
- (3) Peress li l-iskadenza għall-forniment tad-data kumulattiva dwar l-operazzjonijiet sal-31 ta' Marzu ta' kull sena skont l-Artikolu 97(1)(a) tar-Regolament (UE) Nru 508/2014 digħà għaddiet għall-2022, jenħtieġ li l-Istati Membri jibagħtu din l-informazzjoni fil-format emendat biss mill-2023, sabiex jiżguraw rapportar konsistenti u armonizzat.
- (4) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolamenti ta' Implementazzjoni (UE) Nru 1242/2014 u (UE) Nru 1243/2014 jiġu emendati kif xieraq.
- (5) Sabiex jiġi żgurat li jingħata biżżejjed żmien lill-Istati Membri biex jirrappurtaw *data* kumulattiva dwar operazzjonijiet relatati mal-miżuri spċifici sal-iskadenza tal-31 ta' Marzu 2023, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ malajr kemm jista' jkun.
- (6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat għall-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

### **Emendi għar-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) Nru 1242/2014**

L-Anness I tar-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) Nru 1242/2014 huwa emendat f'konformità mal-Anness I ta' dan ir-Regolament.

- 
- (¹) Ir-Regolament (UE) Nru 508/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2328/2003, (KE) Nru 861/2006, (KE) Nru 1198/2006 u (KE) Nru 791/2007 u r-Regolament (UE) Nru 1255/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 149, 20.5.2014, p. 1).
  - (²) Ir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1242/2014 tal-20 ta' Novembru 2014 li jistabbilixxi regoli skont ir-Regolament (UE) Nru 508/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew Marittimu u s-Sajd rigward il-preżentazzjoni ta' *data* (dejta) kumulattiva rilevanti dwar l-operazzjonijiet (ĠU L 334, 21.11.2014, p. 11).
  - (³) Ir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1243/2014 tal-20 ta' Novembru 2014 li jistabbilixxi regoli skont ir-Regolament (UE) Nru 508/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd fir-rigward tal-informazzjoni li għandha tintbagħat mill-Istati Membri, kif ukoll dwar ir-rekwiżiti tad-data (dejta) u s-sinerġi bejn sorsi potenzjali tad-dejta (ĠU L 334, 21.11.2014, p. 39).

*Artikolu 2***Emendi għar-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) Nru 1243/2014**

L-Anness I tar-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) Nru 1243/2014 huwa emendat skont l-Anness II ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jaapplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Jannar 2023.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Ursula VON DER LEYEN

## ANNESS I

Fl-Anness I tar-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) Nru 1242/2014, fit-tabella, fl-entrata 25, it-test tat-tieni kolonna ("Kontenut tal-entrata") huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Il-mitigazzjoni tat-tifqigħa tal-COVID-19 jew miżuri sabiex jittaffew il-konsegwenzi tal-aggressjoni militari tar-Russja kontra l-Ukrajna fuq l-attivitàajiet tas-sajd u biex jiġu mitigati l-effetti tat-tfixkil fis-suq ikkawżaati minn dik l-aggressjoni militari fuq il-katina tal-provvista tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura."

---

## ANNESS II

Fl-Anness I tar-Regolament ta' Implantazzjoni (UE) Nru 1243/2014, il-Parti F hija sostitwita b'dan li ġej:

## "IL-PARTI F

*Il-mitigazzjoni tat-tifqigħa tal-COVID-19 u tal-effetti tat-tfixkil fis-suq ikkawżat mill-aggressjoni militari tar-Russja kontra l-Ukrajna fuq il-katina tal-provvista tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura u t-taffija tal-konseguenzi ta' dik l-aggressjoni militari fuq l-aktivitajiet tas-sajd.*

Entrata	Kontenut tal-entrata	Kumment	Ħtiġijiet tad-dejta u sinerġiji
25	Il-mitigazzjoni tat-tifqigħa tal-COVID-19 jew miżuri sabiex jittaffew il-konseguenzi tal-aggressjoni militari tar-Russja kontra l-Ukrajna fuq l-aktivitajiet tas-sajd u biex jiġu mitigati l-effetti tat-tfixkil fis-suq ikkawżati minn dik l-aggressjoni militari fuq il-katina tal-provvista tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura.	<p>Kodiċi 0 = mhux marbuta mal-COVID-19 jew mal-miżuri sabiex jittaffew il-konseguenzi tal-aggressjoni militari tar-Russja kontra l-Ukrajna fuq l-aktivitajiet tas-sajd u biex jiġu mitigati l-effetti tat-tfixkil fis-suq ikkawżati minn dik l-aggressjoni militari fuq il-katina tal-provvista tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura</p> <p>Kodiċi 1 = marbuta mal-COVID-19</p> <p>Kodiċi 2 = marbuta mal-miżuri sabiex jittaffew il-konseguenzi tal-aggressjoni militari tar-Russja kontra l-Ukrajna fuq l-aktivitajiet tas-sajd u biex jiġu mitigati l-effetti tat-tfixkil fis-suq ikkawżati minn dik l-aggressjoni militari fuq il-katina tal-provvista tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura</p>	Speċifiċi għall-FEMS"